MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 7/2009

**Frankie Borg**

**vs**

**Perla Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Jannar, 2009, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni prezentata fir-registru tal-Qorti Superjuri datata 27 ta' Marzu 2007, biex tigi processata mit-Tribunal Industrijali skond it-Termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002, dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.
>
> Is-Sur Frankie Borg li minn issa jidher bhala l-Appellant kien assistit mill-Avv. Karl Briffa. Ghas-

Socjeta` Perla Ltd. deher is-Sur Marco Briffa assistit mill-Avv. Victor Axiaq.

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant jghid, li beda jahdem mas-Socjeta` fl-1 ta' Gunju 2005 bhala delivery salesman. Fl-istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li dejjem qeghda dmiru tajjeb tant li rega’ gie mpjegat mal-Kumpanija wara li huwa kien telaq ghax sab opportunita tajba ta' xoghol barra l-pajjiz u meta rega’ lura is-sidien kienu regghu impjegawh. Huwa jghid ukoll, li kien fdat tant li kienu jafdawlu l-van wara l-hin tax-xoghol u l-unika problema li kien ikollu mas-sidien kienet biex jiehu leave jew time-off.

L-Appellant ikompli jghid, li nhar is-Sibt 4 ta' Novembru 2006 huwa kellu incident serju ta' hruq fil-garaxx tieghu li kkawzalu hruq f’siequ li kellu jigi mdewwi l-isptar. Huwa jghid ukoll, li b'rizultat ta' dan l-incident ma kienx f’posizzjoni li jimxi u t-tobba rrikmandawlu illi jaghmel perjodu mistrieh u ma jersaqx lejn ix-xoghol.

L-Appellant jghid ukoll, li kien informa lill-propjetarju bl-incident u biex jiehu l-van minghandu sabiex ma jibqax ghandu ghalxejn. Huwa jghid ukoll, li l-propjetarju kien akkuzah li kien holoq apposta dan l-incident biex ikun jista’ jiehu il-leave u ghalhekk baqa’ jinsisti mieghu biex jidhol ghax-xoghol it-Tnejn ta' wara u li kien se jibghat xufier mieghu sabiex ma jkollux bzonn jitla u jinzel mill-van. L-appellant jghid, li t-Tnejn ta' wara kien il-propjetarju stess li mar ghalih u matul il-gurnata tax-xoghol ma felahx ikompli aktar bl-ugieh u kellu jmur ic-Centru tas-sahha fil-Mosta. Huwa jghid ukoll, li t-Tobba tal-Klinika kienu ordnawlu sabiex ma jmurx aktar ghax-xoghol u sabiex imur il-klinika regolarment sabiex jiddewwa l-ferita. B'rizultat ta' dan, dik il-gimgha ma dahalx ghax-xoghol.

L-Appellant jghid ukoll fl-istqarrija tal-kaz tieghu, li meta rega’ dahal ghax-xoghol it-Tnejn ta' wara, il-propjetarju qallu biex jiehu hmistax leave. Huwa jghid ukoll, li din kienet stramba ghalih ghaliex fil-passat kienu jghamluhielu difficli biex jiehu il-leave. L-appellant jghid ukoll, li matul il-perjodu li kien hareg bil-leave kien jircievi diversi telefonati sabiex jghati direzzjoni fejn kienu l-hwienet li kien ibiegh sabiex il-Kumpanija tkun tista’ tikkonsinja ix-xoghol lil dawn il-hwienet. Huwa jghid ukoll, li kienu jcemplulu tal-hwienet u hu kien jirreferihom lis-sidien tas-Socjeta`. Ghaldaqstant huwa jghid, li minkejja li kien indispost huwa ghamel minn kollox biex jikkopera mal-management halli jitqassam ix-xoghol fil-hwienet.

L-Appellant jghid ukoll, li sar jaf li l-Kumpanija kienet impjegat driver deliveryman iehor li kien qed jahdem bil-van li kien jahdem bih hu, kif ukoll li kien jahdem fuq l-istess rotta ta' xoghol li kien jahdem hu. Huwa jghid ukoll, li meta kien irritorna ghax-xoghol il-propjetarju kien infurmah li x-xoghol tieghu kien spicca u li kienu se jitterminawlu l-impieg tieghu. Huwa jghid ukoll, li kien ircieva termination form fejn hemm dikjarat li l-impieg tieghu gie mitmum minhabba ragunijiet ta' dixxiplina.

L-Appellant itemm l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret b'mod ingust u li saret ukoll bi ksur tal-ligi.

Is-Socjeta` intimata da parti taghha qalet, li kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-Kawza, ir-rikorrent gie mkecci minhabba ragunijiet serji ta' dixxiplina u ghalhekk gusti u sufficjenti ai termini tal-ligi. Hija tghid ukoll, li fihom infushom sahansitra jesponu lir-rikorrent ghal proceduri kriminali. Is-Socjeta` tghid, li ma kienx minnu li kien il-propjetarju li fittex lir-rikorrent biex jerga’ jigi mpjegat mieghu meta dan gie lura lejn Malta, kif ukoll li ma kienx minnu li l-propjetarju kien akkuza

lir-rikorrent li kien holoq l-incident fil-garaxx biex jiehu l-leave. Is-Socjeta` tghid ukoll, li lanqas ma kien minnu li s-Socjeta` kienet tghamilha difficli lir-rikorrent biex jiehu l-leave jew time off. Is-Socjeta` tghid ukoll, li lanqas ma kien minnu li l-management kien icempell lir-rikorrent biex jghatihom direzzjoni fuq ir-rottot tax-xoghol u lanqas ma kien minnu li wara l-hmistax il-gurnata leave meta rritorna ghax-xoghol gie nfurmat li x-xoghol tieghu kien spicca u li kienu ser jitterminawlu l-impieg.

Is-Socjeta` tghid li fl-4 ta' Novembru 2006, hija giet nformata illi r-rikorrent kellu incident fil-garaxx tieghu u kien haraq u wegga l-irkoppa ta' saqajh, konsegwentement Marco u Michelle Briffa l-propjetarji tas-Socjeta`, marru ghandu jgibu l-van illi huwa essenzjali ghax-xoghol ta' distribuzzjoni u bejgh tal-prodottti taghhom. L-ghada 5 ta' Novembru 2006, Marco Briffa cempel lir-rikorrent biex jara kif inhu u staqsieh jekk kienx lest jidhol ghax-xoghol it-Tnejn, b'dan illi Briffa kien lest isib persuna ohra bhala driver ghall-ftit granet sakemm ir-rikorrrent ikun f’posizzjoni illi jerga’ jsuq u dwar dan l-arrangament ir-rikorrent accetta. Is-Socjeta` tkompli tghid, li fis-6 ta' Novembru 2006 ir-rikorrent talab lix-xufier tal-van iwaqqfu l-poliklinika tal-Mosta u meta hareg talab lix-xufier jiehdu d-dar ghaliex it-tabib kien ordnalu illi jserrah irkoptu. Is-Socjeta` tghid ukoll, li l-ebda certifikat mediku ma inghata lix-xufier jew lis-socjeta` intimata dak il-hin. Hija tghid ukoll, illi malli sar jaf b'dan, Marco Briffa cempel lir-rikorrent biex jara x'kien gara u qallu sabiex jistrieh sal-Gimgha 10 ta' Novembru 2006 halli zgur jghaddilu. Talbu wkoll igib ic-certifkat mediku li kien inghata mill-poliklinika tal-Mosta. Is-Socjeta` tghid ukoll, li nhar il-Gimgha 10 ta' Novembru 2006, Marco Briffa cempel lir-rikorrent biex jara jekk kienx f’pozizzjoni illi jidhol ghax-xoghol u meta kien bi hsiebu jibda u dan qallu illi ma jafx meta kien sejjer jerga’ jirraporta ghax-xoghol. Is-Socjeta` tghid ukoll, li Briffa

emfasizza illi s-socjeta` ma setghetx tibqa' f'sitwazzjoni fejn d-distribuzzjoni tal-prodotti taghha ma setghatx tkompli b'mod regolari u kull ma kienet qed titlob kienet indikazjoni ta' meta kien bi hsiebu jidhol ghax-xoghol, izda ir-rikorrent baqa' ma tax risposta.

Is-Socjeta` tghid ukoll, li fit-12 ta' Novembru 2006 Marco Briffa rega' cempel lir-rikorrent biex jara jekk kienx sejjer jidhol xoghol l-ghada, izda r-rikorrent rega' ma tahx risposta. Briffa ghalhekk talab lir-rikorrent jiehu hmistax leave halli zgur f'dan il-perjodu jghaddilu l-allegat ugieh illi kellu u r-rikorrent accetta.

Is-Socjeta` tghid ukoll, li ma setghatx ma tkomplix tqassam il-prodotti taghha fuq ir-rotot li kien is-soltu jghamel ir-rikorrent u ddecidiet illi b'mod temporanju ddahal salesman, sabiex jaghmel ir-rotot illi s-soltu jaghmel ir-rikorrent u dan ghal perjodu illi r-rikorrent ikun bil-leave. Is-Socjeta` tghid ukoll, li kuntrarju ghal dak allegat meta r-rikorrent irritorna ghax-xoghol wara l-hmistax il-gurnata leave, is-socjeta` intimata kienet issuggerietlu sabiex ghal ftit zmien jibda jghamel light work fil-fabbrika taghha u dana b'mod temporanju biss u cioe sakemm jingieb van iehor u fil-frattemp ir-rikorrent ikun ha lura sahhtu bizzejjed sabiex jerga' jibda jsuq fuq ir-rotot tas-soltu. Is-Socjeta` tghid, li r-rikorrent informa lis-socjeta` li kien se jahsibha dwar din il-proposta ghax kien ghadu bl-ugieh izda ghalkemm weghdom li dalwaqt kien ser jgharrafhom bid-decizjoni tieghu huwa naqas milli jaghmel dan. Is-Socjeta` tghid, li wara l-pacenzja kbira li wriet mieghu biex ikompli jitfa l-melh fuq il-ferita, ir-rikorrent waqt illi kien ghadu impjegat maghha u waqt illi suppost kien qed jahsibha dwar il-proposta illi kienet saritlu inqabad isuq van u jbiegh prodotti ta' gallettini ta' kompetitur ewlieni tas-socjeta` intimata. Hija tkompli tghid, li meta rat dan, ma kellhiex triq ohra hlief illi tittermina l-

impieg tieghu immedjatament fuq bazi ta' dixxiplina. Is-Socjeta` ttemm l-istqarrija tal-kaz taghha, fejn ghamlet riferenza ghal infieq ta' diesel eccessiv li l-appellant kien qed jonfoq, li ma kienux ghal bzonnijiet tax-xoghol. Pero tghid ukoll, li dan ma kienx il-kaz li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu.

Mill-provi jirrizulta, li l-appellant kien gie mpjegat mas-Socjeta fl-1 ta' Gunju 2005, bhala delivery salesman fejn ix-xoghol kien jinvolvi sewqan minn hanut ghall-iehor fuq van propjeta tas-socjeta` sabiex issir id-distribuzzjoni u bejgh tal-prodotti tas-socjeta`. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant kellu incident fl-4 ta' Novembru 2006, fejn fih wegga’ u kellu jieqaf ghal perjodu mix-xoghol fuq sick leave. Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul il-perjodu li r-rikorrent dam bis-sick leave il-Kumpanija kienet impjegat haddiem iehor biex jghamel ix-xoghol tieghu u meta r-rikorrent rega’ lura ghax-xoghol normali hija nfurmatu sabiex ma jibqax jahdem ix-xoghol ta' deliveryman salesman izda jidhol jahdem gewwa fil-fabbrika b'kundizzjonijiet tax-xoghol anqas favorevoli minn dawk li kien igawdi. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-Kumpanija tghid li dan kienet se tghamlu b'mod temporanju sakemm jingieb van iehor u fil-frattemp huwa jkun ha sahtu lura sabiex jerga’ jibda jsuq fuq ir-rotot tas-soltu. Mill-provi jirrizulta ukoll, li meta r-rikorrent dahal lura mis-sick leave, hu kien f’qaghda li seta’ jkompli jahdem fil-grad tieghu u seta’ jaqdi d-doveri tieghu b'mod normali. Mill-provi jirrizulta wkoll li r-rikorrent ma kienx kuntent bil-kundizzjonijiet ta' xoghol godda li kienu anqas favorevoli milli kellu qabel u ghalhekk qal li kien se jahsibha. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrent ma tax risposta lill-Kumpanija u beda jahdem ma haddiehor li kien kompetitur tal-Kumpanija. Konsegwentement, il-Kumpanija tterminat l-impieg ta' l-appellant fejn tghid li tterminatu fuq dixxiplina ghax beda jahdem ma kompetitur iehor. Mill-provi jirrizulta wkoll, li minn

naha tar-rikorrent jghid li ma kienitx accettabbli ghalih li l-Kumpanija tibdillu kemm l-impieg tieghu kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu u dan specjalment meta x-xoghol tieghu kien ghadu jezisti u li kien qed isir minn haddiehor, ghaldaqstant kienet il-Kumpanija li kienet itterminatlu l-impieg tieghu.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jinghad, li skond il-provi l-appellant kellu incident li ghal perjodu ma setax jaqdi id-doveri tieghu. In vista ta' dan, il-Kumpanija ma naqsitx meta ghal perjodu impjegat lil haddiehor biex jghamel ix-xoghol li kien qed jghamel ir-rikorrent. Pero` meta ir-rikorrent rega' lura ghax-xoghol normali u seta' jaqdi d-doveri tieghu huwa kellu d-dritt li jerga' jahdem normali bhala deliveryman salesman u dan ghal raguni li hu kien impjegat f'dan il-grad u li l-impieg tieghu kien ghadu jezisti. Ghaldaqstant, il-kumpanija naqset meta nehhietu minn dan ix-xoghol u zammet haddiem iehor li gie impjegat wara l-appellant biex jaghmel ix-xoghol li hu dejjem qeghda minghajr problemi. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma li meta l-Kumpanija nehhiet lir-rikorrent mill-grad li originarjament kien gie mpjegat fih u offrietlu impieg alternattiv b'kundizzjonijiet godda ta' xoghol kienet qed timplika li kienet qed tittermina l-impieg ta' l-appellant li originarjament kien gie impjegat fih. Ghaldaqstant, l-appellant kellu dritt li ma jaccettax u ma jirritornax ghax-xoghol u jsib xoghol skond il-hiliet tieghu.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatement of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjoni tieghu citati hawn, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li kienet il-Kumpanija li t-terminat l-impieg ta' l-

appellant u liema terminazzjoni ta' l-impieg saret bi ksur tal-ligi.

It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fil-waqt li l-appellant ma jigix moglili l-impieg lura, huwa ghandu jigi inoghti kumpenss ta' E 3,000 (tliet elef euro) Hema kumpens ghandu jithallas mill-Kumpanija Perla Ltd. sa nhar il-Gimgha 20 ta' Frar, 2009.

It-Tribunal Industrijali jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista fl-ammont ta' E 93.18.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-xoghol.”

Il-kumpanija intimata appellat minn din is-sentenza bl-aggravju illi t-Tribunal Industrijali ghamel apprezzament zbaljat tal-ligi. Fis-sustanza hi tikkontendi zewg affarijiet biex tillustra fejn zbalja t-Tribunal, cjoe:-

1. It-Tribunal tenna li l-“kumpanija nehhiet lir-rikorrenti mill-grad li originarjament kien impjegat fih”. Skond il-kumpanija appellanta dan jikkostitwixxi deduzzjoni zbaljata ghaliex kull ma ghamlet kienet li tipproponi varjazzjoni temporanja tal-kuntratt ta’ impjieg li kellu r-rikorrenti;

2. It-Tribunal irraguna li “l-appellant (l-impjegat) kellu dritt li ma jaccettax u ma jirritornax ghax-xoghol u jsib xoghol skond il-hiliet tieghu”. Dan, fil-fehma tas-socjeta` appellanti hu wkoll errat ghaliex, skond hi, fl-ebda mument ma gie ppruvat jew allegat minn xi parti illi l-appellanti impjegat specifikament ma accettax il-varjazzjoni temporanja tal-kuntratt ta’ impjieg tieghu;

Ghas-sostenn tal-punt li fuqu s-socjeta` appellanti tiffonda l-appell taghha mis-sentenza tat-Tribunal din tirrikorri ghall-patt kommissorju tacitu prevvist mill-Artikolu 1068 tal-Kodici Civili, ossija r-rizoluzzjoni tal-kuntratt fil-kaz li wahda mill-partijiet tkun inadempjenti, u dan permezz tal-

ministeru tal-Qorti. Is-socjeta` appellanti ggib ‘il quddiem dan l-argoment ghall-iskop tas-sottomissjoni illi t-Tribunal kien zbaljat meta ddecieda illi bl-agir taghha s-socjeta` appellanti kienet qed timplika li kienet qed tittermina l-impjieg tar-rikorrenti. Ir-raguni avvanzata hi dik li t-terminazzjoni mhux biss ma setghetx tkun implikata izda lanqas setghet issir espressament *ipso jure*;

Affermat dan, jibda biex jigi osservat illi kuntratt ta’ impjieg huwa kuntratt specjali regolat b’ligi u regolamenti *ad hoc*. Il-mansjoni, imbaghad, ghal liema jkun ingaggat haddiem tindika t-tip ta’ attivita` li tikkostitwixxi oggett ta’ l-obbligazzjoni tieghu taht il-kuntratt. Hi proprju din l-istess mansjoni li tistabilixxi l-kwalifika u l-katergoija ta’ dak il-haddiem. Fejn allura tinsorgi kontroversja relatata ma’ terminazzjoni ta’ impjieg kompitu tat-Tribunal adit hu dak li japplika l-kriterji generali prevvisti mil-ligi applikabbli;

Bazikament il-kwestjoni centrali involuta fil-kaz prezenti hi din. L-appellat kien impjegat mas-socjeta` appellanti bhala *salesman/deliveryman*. Minhabba incident li kkawzalu griehi personali hu kellu fuq parir tat-tobba jassentixxi ruhu mix-xoghol. Fil-frattemp is-socjeta` appellanti impjegat lil haddiehor biex jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel l-appellat. Fil-versjoni ta’ l-appellat, meta hu rritorna lura ghax-xoghol gie informat li x-xoghol tieghu kien spicca. Skond is-socjeta` appellanti, invece, hi kienet offrietlu li jaghmel xoghol hafif tal-fabbrika u dan b’mod temporanju sakemm il-kumpanija ggib van iehor. In bazi ghall-provi kif evalwati mit-Tribunal, irrizulta li meta l-appellat dahal lura mis-*sick leave* hu kien f’qaghda li jahdem fil-grad li kellu izda invece gie assenjat xoghol iehor b’kundizzjonijiet anqas favorevoli minn dawk li kellu qabel. Fil-kuntest jirrizulta mix-xhieda ta’ l-appellat (fol. 112) illi hu kien accetta li jahdem xoghol fuq gewwa izda mhux ukoll li tigi ridotta l-paga u jitlef il-kummissjoni;

Kwestjoni bhal din b’dawk il-provi timporta illi t-Tribunal jindividwa fl-ewwel lok in-natura tal-mansjoni affidata lill-

impjegat u, sussegwentement, li jaghmel id-debita komparizzjoni bejn din il-mansjoni u dik gdida offerta lill-impjegat. Skond id-dottrina prevalenti f'materja ta' kuntratti tax-xoghol il-parametru li bih jitkejjel ir-raffront bejn il-mansjoni primarja u dik l-ohra offerta ghandha tkun l-ekwivalenza tal-mansjonijiet u tal-kondizzjonijiet inerenti ghalihom. Indiskutibilment, din l-ekwivalenza ghandha jkollha wkoll rapport mar-retribuzzjoni tal-paga;

Premess dan, hu rikonoxxut lil min ihaddem id-dritt tal-*jus variandi* ossija li jimmodifika l-mansjoni ta' l-impjegat tieghu, basta li din ma tkunx inferjuri ghal grad li kellu l-impjegat u ma ggiblux diminuzzjoni fil-kondizzjonijiet tax-xoghol tieghu u tal-paga. In meritu din il-Qorti diga` kellha okkazjoni tokkupa ruhha minn problematika bhal din fid-decizjoni taghha tas-6 ta' Frar, 2008 fil-kawza fl-ismijiet "**Aloysia Rahim Debono -vs- Port Cottonera Hotel Dev. Co. Ltd**". Fiha l-Qorti osservat hekk:-

"... anke fil-presenza tal-poter tal-*jus variandi*, kontrattwalment accettat u sottoskritt, (l-impjegat) ma kellux jigi offert mansjoni *in peius* ghal dik minnu zvolta precedentement. F'dan ma jidher li hemm xejn gdid li ma giex ukoll issenjalat mill-Qrati taghna, bir-rikorrenza li dawn jaghmlu ghal dawk li huma l-effetti tal-kuntratti, senjatament l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili u l-aktar dak ta' l-Artikolu 993 ta' l-istess Kodici ghall-ezegwibilita` tal-kuntratti bil-bona fede. Proprju in materja ta' kuntratt ta' impjieg il-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, hekk irragunat fis-sentenza taghha tat-3 ta' Frar, 1969 fil-kawza fl-ismijiet "**Richard Matrenza -vs- Joseph Attard Kingswell *nomine***":-

«L-opinjoni tidher li kienet illi kwantu ghan-natura tax-xoghol il-principal ma kellux dritt jattribwixxi mansjonijiet lill-impjegat diversi minn dawk li ghalihom hu kien giet assunt, jekk kienu jimmenomaw il-prestigji, id-dekor jew id-dinjita` relattivament ghall-opera prestata, ghall-grad okkupat u ghal posizzjoni ekonomika.»"

Tippreciza b'mod akkurat il-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** illi "*l'equivalenza delle mansioni, che condiziona la legittimita` dell'esercizio dello 'jus variandi' ... va verificato sia sul piano oggettivo, e cioe` sotto il profilo della inclusione nella stessa area professionale e salariale delle mansioni iniziali e di quella di destinazione, sia sul piano soggettivo, in relazione al quale è necessario che le due mansioni siano professionalmente affini, nel senso che le nuove si armonizzino con le capacita` professionali gia acquisite dall'interessato durante il rapporto lavorativo, consentendo ulteriori affinamenti e sviluppi*" (**Cass. 1 ta' Settembru, 2000, Numru 11457**);

Sew din is-sentenza kif ukoll id-dottrina legali fuq il-punt jenuncjaw illi l-valutazzjoni ta' l-ekwivalenza tal-mansjonijiet tikkostitwixxi oggett ta' gudizzju ta' fatt;

Almenu mill-gudizzju maghmul fuq dawn il-fatti mit-Tribunal instab li fil-kaz prezenti l-appellat gie assenjat xoghol inferjuri minn dak li kellu qabel l-incident u tali qaghda, ekwivalenti ghal terminazzjoni, kienet tiggustifika r-rifjut ta' l-appellat li jaghmel xoghol li kien jissarraf f'riduzzjoni tal-paga tieghu, u li jirricerka impjieg ma' terzi. In partikolari, dan meta fl-istess waqt gie kkonstatat illi x-xoghol precedenti li l-appellat kien jaghmel mas-socjeta` appellanti kien ghadu disponibbli u kien qieghed isir minn haddiehor;

Naturalment, is-socjeta` appellanti tista' tobbjetta illi meta inkarigat lil haddiehor fid-durata tas-*sick leave* ta' l-appellat dan ghamlitu biex tissodisfa l-esigenzi organizzattivi taghha. Tali hu ragonevolment akkonsentit lilha izda, imbaghad, ikollu jinghad ukoll illi dik l-esigenza ma kellhiex tissarraf fit-telfien tad-dritt ta' l-appellat li jirritorna ghal post tax-xoghol li kellu qabel il-perijodu tal-konvalexxenza tieghu. Meta l-kumpanija appellanti dan ma ghamlitux dik l-imgieba taghha, konsistenti fl-assenjazzjoni ta' mansjoni inferjuri ma tistax ma tassumix qaghda ta' inadempiment fit-termini tal-kuntratti in generali

taht il-ligi komuni, u ta' illegitimita skond l-ispirtu tal-ligi specjali, kif anke dezunta fil-kaz ta' *redundancy* mid-dispost tal-proviso ghas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 36 ta' l-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali;

Meta allura, kif inhu l-kaz hawnhekk, tkun determinata, fuq il-bazi tal-kumpless tal-provi, dik l-imgieba kuntrarja ghal-ligijiet, ma jidherx gusitifkat li d-deduzzjoni tat-Tribunal, li ssanzjona l-inadempiment bil-kundanna ghall-hlas tal-kumpens, kellu jircievi c-censura tas-socjeta` appellanti.

Ghal motivi kollha dedotti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------